# "NEMMEN"

Wara lejl twil, mingħajr ebda mistrieħ,
Waqt li d-dinja fid-dlam kienet miksija,
Qomt b'rasi tqila, lbist, u ħriġt il-barra,
Sabiex infarraġ lill-qalbi mbikkija.

B'rasi baxxuta l-isfel, b'mixja tqila,
Tlaqt għal fuq għolja mhux wisq bogħ'd mid-dar,
Fejn ta' sikwit immur biex hemm intaffi
Ftit minn tal-ħajja n-niket, mill-imrar.

Kontra kemm huma l-għonja w il-ħienja,
Mibegħda kbira ġo qalbi ħassejt;
Minn ġewwa qalbi il-kliem waħxi ħareġ:
"Fejn hu Alla tal-ħniena li mar igħid:

"Kollha kemm huma li mnikta jinsabu
Ġo ħdani jiġu, jien faraġ natiħom",
Jekk kollha xrobthom tal-imrar it-tazzi
Bla ma qatt sibt daqxejn ħelu ġo fihom?

Intant ix-xemx bil-qajl il-qajl bdiet tixref,
U tbigħed minn ġo qalbi dik id-dieqa;
Il-pass ħaffift, sabiex infittex nasal
U noqgħod waħdi fuq l-għolja mixtiqha.

Hemmfuq jien smajt il-għana tal-għasafar,
Rajt jaħdem ħieni id-dudu tal-art,
Ma' dwari, żiffa ħelwa bdiet tittajjar,
Bir-riħa safja mgħobbija tal-ward.

B'tant ġmiel u żina tal-ħolqien imdawwar,
Fis il-mibgħeda w in-niket insejt,
U "Il-ħallieq tal-għasafar, tan-nemel,
Tal-ward min hu?" lili n-nifsi staqsejt.

Bla ma naf chif, bla ma ridt, bdejt ingħajjat,
Waqt illi dalma fuq għajnejja rajt:
"Alla bla tmiem, nemmen, nemmen, fik nemmen".
U bħal ġisem bla saħħa fl-art waqajt.

30—4—31 ANDRÈ CASSAR